GĦAQDA GĦALLIEMA TAL-ĠEOGRAFIJA (MALTA)

# STATUT

**(Kif aġġornat sal-1 ta' Mejju 2010)**

**Artiklu 1 - Isem**
L-Għaqda tissejjaħ l-Għaqda tal-Għalliema tal-Ġeografija, u bl-Ingliż tkun magħrufa bħala *Geography Teachers' Association (Malta)*.

**Artiklu II - Għanijiet**
L-għanijiet ta' l-Għaqda huma li:
a) ixxerred it-tagħlim dwar il-Ġeografija, speċjalment dak dwar Malta, il-Mediterran, l-Ewropa u pajjiżi li qed jiżviluppaw.
b) tinkoraġġixxi ħidma u attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ġeografija.

**Artiklu III - Attivitajiet**
L-Għaqda għandha tieħu ħsieb li:
a) torganiżża laqgħat, konferenzi, dibattiti, ħarġiet u attivitajiet oħra li jkunu ta' interess għall-membri u mistednin tagħhom;
b) torganiżża attivitajiet dwar Ġeografija għall-istudenti;
c) tgħin fit-tixrid ta' kitba, vidjows u *software* dwar il-Ġeografija;
d) tgħin fil-produzzjoni ta' materjal għat-tagħlim tal-Ġeografija.

**Artiklu IV - Sħubija**
Jistgħu ikunu membri:
a) Għalliema fl-iskejjel primarji kemm jekk statali kif ukoll privati (tal-Knisja u Indipendenti);
b) Għalliema tal-Ġeografija fl-iskejjel sekondarji u post sekondarji statali;
c) Għalliema tal-Ġeografija fl-iskejjel sekondarji u post sekondarji privati (tal-Knisja u Indipendenti)
d) Għalliema f'istituzzjonijiet terzjarji, inkluża l-Universita';
e) Ex-għalliema tal-Ġeografija irtirati jew li qed iwettqu xogħol amministrattiv;
f) Studenti-għalliema li qegħdin jitħarrġu fit-tagħlim tal-Ġeografija.
g) persuni oħra li huma nteressati fil-Ġeografija, iżda li qatt ma għallmu s-suġġett jistgħu jissieħbu bħala *membri assoċjati*. Dawn il-membri jkollhom l-istess drittijiet u obbligi ta' membri regolari iżda mingħajr id-dritt tal-vot u mingħajr id-dritt li jkunu membri fil-kumitat.

**Artiklu V - Kumitat**
a) L-Għaqda għandha tkun immexxija u amministrata minn Kumitat li jkun jikkonsisti minn President, Viċi-President, Kaxxier, Segretarju, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, u żewġ membri.
b) Dan il-Kumitat jinħatar waqt il-Laqgħa Ġenerali Bijennali permezz ta' elezzjoni sigrieta għal sentejn kalendarji.
c) Il-membri tal-kumitat li jiġu eletti fil-Laqgħa Ġenerali Bijennali jagħżlu l-uffiċjali huma stess.
d) Il-kumitat għandu jiltaqa' għall-inqas darba kull xahrejn.
e) Il-kumitat għandu jikko-optja membru jew membri biex jirrappreżentaw kull sezzjoni ta' għalliema kif speċifikat f' Artiklu IV.
f) Il-kumitata ta' l-Għaqda jista' jaħtar kummissjonijiet mill-membri biex jorganiżżaw attivitajiet partikulari.

**Artiklu VI - *Quorum***
a) Il-*quorum* tal-laqgħa tal-kumitat għandu jkun ta' erba' membri. Il-President ikollu l-*casting vote* barra l-vot oriġinali.
b) Jekk xi membru tal-kumitat ma jattendix għal tliet laqgħat konsekuttivi dan ikun ikkunsidrat li ċeda postu u membru ieħor ikun ikko-optjat minfloku.
c) Il-*quorum* tal-Laqgħat Ġenerali hu ta' wieħed minn tlieta tal-membri kollha reġistrati. Jekk dan il-*quorum* ma jintleħaqx, il-laqgħat jibdew nofs siegħa wara.

**Artiklu VII - Relazzjonijiet ma' Istituzzjonijiet u Għaqdiet oħra**
L-Għaqda għandha żżomm relazzjonijiet tajba ma' kull għaqda jew istituzzjoni li tista' tkun ta' għajnuna.

**Artiklu VIII - Laqgħa Ġenerali Straordinarja**
Meta mhux inqas minn terz l-għadd tal-membri u wieħed reġistrati jitolbu bil-miktub lis-Segretarju/a ta' l-Għaqda biex tissejjaħ laqgħa dwar ħaġa speċifika, din għandha tissejjaħ fi żmien ħmistax-il jum.

**Artiklu IX - Ħlas tas-Sħubija**
a) Biex tista' titqies bħala membru regolari, persuna trid ukoll tħallas Euro 5.00 fis-sena bħala sħubija. Studenti jħallsu menswalita' ta' Euro 3.00. Il-ħlas annwali irid isir qabel il-Laqgħa Ġenerali. Membru jista' jħallas is-sħubija ta' ħames snin bil-quddiem.
b) Il-finanzi ta' l-Għaqda jkunu mmexxija minn Kaxxier/a, waqt li żewġ awdituri jiġu maħtura fil-Laqgħa Ġenerali Annwali biex jeżaminaw ir-rapporti tal-Kaxxier/a.

**Artiklu X - Laqgħa Ġenerali Annwali u Bijennali**

a) i. Il-Laqgħa Ġenerali Bijennali għandha tinżamm mhux aktar tard mill-aħħar ta' April bl-iskop li jinħatar il-kumitat għas-sentejn kalendarji li jkunu jmissu;

ii. Jingħataw rapporti finanzjarji u amministrattivi tal-perjodi li jkunu għaddew;

iii. Jingħata r-rapport ta' l-awdituri;

iv. Jiġu mistħarrġa proposti għall-attivitajiet li jkunu maħsubin biex dawn jiżdiedu mal-programm li jkun se jfassal il-kumitat.

b) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha tinżamm ukoll mhux aktar tard mill-aħħar ta' April bl-istess għanijiet tal-Laqgħa Ġenerali Bijennali, eskluża biss l-elezzjoni tal-kumitat.

ċ) i. F'dawn il-laqgħat jivvotaw biss il-membri kollha regolari fl-obbligi tagħhom tas-sħubija.

ii. L-avviżi ta' kull Laqgħa Ġenerali għandhom jitwasslu mhux inqas minn ħmistax-il jum qabel.

**Artiklu XI - L-istatut**

a) Biex isir tibdil fl-istatut irid jingħata avviż bil-miktub mhux inqas minn sebat ijiem qabel il-Laqgħa Ġenerali Bijennali, u biex it-tibdil jigi aċċettat, irid ikun approvat minn żewġ terzi tal-membri preżenti waqt il-Laqgħa.

b) L-interpretazzjoni finali ta' l-istatut hija tal-kumitat ta' dak il-perjodu. Il-membri għandhom id-dritt ta' appell lil-Laqgħa Ġenerali Annwali.